

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

18.2.2008

B6-0078/2008

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni  
skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura, minn

- Gunnar Hökmark, Pilar del Castillo Vera, Avril Doyle, f'isem il-Grupp PPE-DE
- Alain Hutchinson, Reino Paasilinna, f'isem il-Grupp PSE
- Fiona Hall, f'isem il-Grupp ALDE
- Eugenijus Maldeikis, Ryszard Czarnecki, Adam Bielan, f'isem il-Grupp UEN
- Umberto Guidoni, f'isem il-Grupp GUE/NGL
- David Hammerstein, f'isem il-Grupp Verts/ALE

dwar l-importanza li jkunu appoġġjati miżuri għat-titjib tal-koperazzjoni  
xjentifika internazzjonali ma' l-Afrika

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-importanza li jkunu appoġġjati miżuri għat-titjib tal-koperazzjoni xjentifika internazzjonali ma' l-Afrika**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra s-Samit riċenti bejn l-UE u l-Afrika, is-Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Afrika u l-Pjan ta' Azzjoni 2008-2010),
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar iż-Żona Ewropea ta' Riċerka: Prospettivi Ġodda,
  - wara li kkunsidra l-irwol tat-teknoloġija enerġetika fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jirrikonoxxi t-tendenza li qed tiżdied fost min ifassal il-politika fl-Afrika li tingħata prijorità lix-xjenza u t-teknoloġija (S&T) u lill-innovazzjoni għall-iżvilupp;
  2. Jirrikonoxxi l-kontribut siewi tas-Sħubija Ġdida għall-Iżvilupp ta' l-Afrika (NEPAD), il-pjan ta' azzjoni kkonsolidat tagħha għax-xjenza u t-teknoloġija u l-programmi ta' xjenza u teknoloġija ta' l-Unjoni Afrikana, u jitlob implimentazzjoni aħjar u żvilupp akbar tagħhom u li jittejbu l-miżuri rilevanti;
  3. Jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-involviment tax-xjentisti Afrikani fix-xjenza kollaborattiva internazzjonali u fi proġetti ta' riċerka u żvilupp sabiex iżommu u jiżviluppaw l-għarfien tar-riċerka u l-iżvilupp fl-Afrika, b'mod partikulari f'oqsma speċifiċi bħall-ikel, is-saħħa u l-enerġija;
  4. Filwaqt li jfakkar ir-rilevanza speċjali mogħtija lill-mardiet injorati fi ħdan is-7 programm ta' Qafas għar-Riċerka, għandha ssir enfasi speċjali fuq ir-riċerka dwar l-AIDS fil-pajjiżi Afrikani;
  5. Jitlob li tissaħħaħ l-infrastruttura eżistenti tar-riċerka skond l-indikazzjonijiet ta' l-Unjoni Afrikana u tal-komunità xjentifika Afrikana, inkluż l-Uffiċċju NEPAD għall-Programmi Xjentifiċi u Teknoloġiċi, il-programmi ta' l-Unjoni Afrikana u l-proġetti ta' riċerka u żvilupp, b'mod partikulari f'oqsma speċifiċi bħall-ikel, is-saħħa u l-enerġija;
  6. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex jippromwovu l-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika ma' l-Afrika li tiggarantixxi malajr żvilupp komprensiv u ġenwin ta' l-għarfien u t-teknoloġiji fil-pajjiżi Afrikani stess;
  7. Jinnota li l-progress xjentifiku jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali previst fl-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp; jistieden b'mod partikulari lill-Unjoni Ewropea biex il-bidla fil-klima tkun prijorità fil-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika tagħha ma' l-Afrika, filwaqt li jintużaw qabel kollox is-sorsi enormi li jiġġeddu ta' enerġija li hemm fl-

Afrika, b'referenza partikulari għall-enerġija tax-xemx;

8. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex jippromwovu l-iskambju ta' għerf u ta' teknoloġiji bejn l-UE u l-Afrika;
9. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jiżguraw konsistenza akbar bejn il-politika internazzjonali ta' l-UE għax-xjenza u t-teknoloġija u l-ħtiġijiet bażiċi tal-pajjiżi Afrikani, biex dan iwassal għall-iżvilupp ta' qafas globali għdid għax-xjenza u d-diplomazija ma' l-Afrika;
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u lin-Nazzjonijiet Uniti.